Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2164(INI)

10.09.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2025
(2025/2164(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: David McAllister

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2025

(2025/2164(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 14, 16, 21, 24, 36 u 41 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Ġunju 2025 intitolat "Rapport dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni – Il-prijoritajiet tagħna fl-2025",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra ir-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-objettivi fundamentali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-UE jinkludu ż-żamma tal-paċi, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali, kif ukoll it-trawwim tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

B. billi ċerti potenzi storiċi u emerġenti juru mġiba kumplessa, li tvarja mill-kooperazzjoni stretta għall-konfront settorjali; billi fil-klima ġeopolitika attwali, l-UE, f'ċerti każijiet, ma għandhiex għażla għajr dik li tilħaq ftehimiet ta' natura tranżazzjonali;

1. Itenni t-tħassib li tqajjem fir-rapport tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) u jinsab allarmat bir-ritmu mgħaġġel li bih il-kuntest ġeopolitiku qed jinbidel, minħabba l-pressjonijiet militari, politiċi u ekonomiċi assertivi tal-potenzi awtoritarji; josserva bi tħassib li s-sistema internazzjonali hija aktar multipolari u anqas multilaterali, li fiha l-kompetizzjoni qed tieħu post il-kooperazzjoni u l-kummerċ, u li fiha l-investimenti, l-informazzjoni u l-flussi migratorji qed jintużaw dejjem aktar bħala armi; iwissi li tali frammentazzjoni thedded l-interessi strateġiċi, is-sigurtà, il-prosperità u l-għaqda tagħna, u tirrikjedi l-mobilizzazzjoni tas-sħubijiet u tal-alleanzi reġjonali u globali tagħna;

2. Jistieden, f'dan il-kuntest, lill-VP/RGħ tiżviluppa PESK b'viżjoni fil-bogħod li timmira lejn l-objettivi spjegati fil-paragrafi li ġejjin;

Insawru l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli li niddefendu

3. Ifakkar li l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli jissalvagwardja s-sovranità u l-integrità statali, jippermetti riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim u jiżgura li l-poter ikun suġġett għal-liġi u mhux għall-forza; iqis allarmanti li l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli jinsab taħt pressjoni bla preċedent minħabba l-erożjoni interna u l-aggressjonijiet esterni; iwissi li l-qerda tiegħu twassal għal instabbiltà u kunflitti fid-

dinja kollha, u b'hekk jiddgħajfu s-sigurtà u l-prosperità tagħna stess;

4. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni illegali u inġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna tikkostitwixxi attakk bla preċedent fuq l-ordni tal-paċi Ewropew wara t-Tieni Gwerra Dinjija; ifakkar li l-aggressjoni Russa trid tfalli biex b'hekk jintbagħat sinjal li l-forza ma tipprevalix fuq il-liġi, u l-oħrajn jiġu skoraġġuti milli jippruvaw iqajmu kwistjonijiet dwar il-fruntieri b'mezzi militari; jitlob, għaldaqstant, li jiġi stabbilit waqfien mill-ġlied immedjat u bla kundizzjonijiet, li r-Russja tirtira mill-Ukrajna u li jirritornaw it-tfal kollha maħtufa illegalment mir-Russja;

5. Jisħaq fuq il-fatt li kwalunkwe ftehim ta' paċi jrid jinkludi garanziji sodi ta' sigurtà għall-Ukrajna, jiġi nnegozjat mill-mexxejja eletti tagħha u jkollu l-appoġġ tal-poplu tagħha; iwissi kontra l-proposti qarrieqa tar-Russja bit-tir li jtawlu l-gwerra, u jwissi li kwalunkwe soluzzjoni imposta mir-Russja jew li tippremja l-aggressjoni tagħha tkun tqiegħed f'periklu gravi lis-sigurtà Ewropea;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod attiv il-mekkaniżmi tal-ġustizzja internazzjonali u tiżgura l-awturi tad-delitti tal-gwerra u tad-delitti ta' aggressjoni jkollhom jagħtu kont ta' għemilhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni li tuża l-assi barranin Russi immobilizzati għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;

7. Jenfasizza li l-aggressjoni tar-Russja tiddestabbilizza l-Viċinat tal-Lvant tal-UE u tikkawża effetti konsegwenzjali fil-Balkani tal-Punent;

8. Itenni li l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha jeħtiġilhom jagħtu l-eżempju lill-oħrajn billi jiddefendu s-sovranità u d-dritt internazzjonali; jissottolinja li l-kredibbiltà u l-kapaċità tagħha li tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u lill-interessi vitali tagħha jiddependu mill-impenn tagħha fil-konfront tal-prinċipji fundaturi tagħha, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-dinjità tal-bniedem;

9. Jesprimi tħassib kbir dwar l-istat attwali tan-normi umanitarji u tan-nuqqas ta' rispett tal-protezzjoni taċ-ċivili skont id-dritt internazzjonali fil-kuntest tal-kunflitti fit-tul fil-Lvant Nofsani; jerġa' jafferma l-impenn tal-UE fir-rigward tal-eżistenza u tas-sigurtà tal-Istat ta' Iżrael u jissottolinja d-dritt tiegħu li jiddefendi ruħu fir-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; iħeġġeġ it-tiftix ta' proċess politiku kredibbli mmirat li jilħaq soluzzjoni ta' żewġ Stati abbażi tal-fruntieri tal-1967 u b'Ġerusalemm bħala l-belt kapitali komuni;

10. Jafferma r-rwol fundamentali tal-organizzazzjonijiet multilaterali u tal-fora reġjonali bħala pjattaformi indispensabbli għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti u għall-governanza globali; iwissi li l-formati "minilaterali" jirriskjaw li jifframmentaw dejjem aktar in-normi globali, u jirrikjedu lill-UE ssib bilanċ għal konċezzjoni wiesgħa u inklużiva ta' multilateraliżmu, f'kooperazzjoni stretta mas-sħab tagħha tal-istess fehma; jistieden lill-Kummissjoni u lill-VP/RGħ jkunu l-ewwel li jvaraw inizjattivi multilaterali, ankrati b'mod sod fir-regoli globali, biex jiżguraw is-sigurtà u l-prosperità tal-Ewropa;

11. Jistieden lill-VP/RGħ tippromwovi narrattiva demokratika effikaċi u soda biex tiġġieled il-pressjoni awtokratika, f'kooperazzjoni stretta mal-Istati Membri; jinkoraġġixxi li jsiru investimenti akbar fil-komunikazzjoni strateġika u fil-ġlieda kontra l-indħil barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni;

12. Jinkoraġġixxi li jsiru rieżamijiet strateġiċi annwali tat-theddid għall-ordni

internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, f'koordinament mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni (SEAE) u segwiti minn miżuri attivi maħsuba biex jipprevjenu ulterjorment l-erożjoni tan-normi multilaterali;

Inrawmu l-kooperazzjoni bbażata fuq l-interessi li naqsmu bejnietna

13. Jerġa' jafferma l-fatt li l-azzjoni esterna tal-UE tirrikjedi impenn kredibbli bbażat fuq il-valuri; jinsisti, madankollu, li mhuwiex biżżejjed li nserrħu biss fuq il-poter normattiv; jinkoraġġixxi tiftix b'mod aktar assertiv tal-objettivi strateġiċi tal-UE, filwaqt li nużaw is-sħubijiet u l-alleanzi bbażati fuq interessi kondiviżi;

14. Jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ timmira lejn politiki mfassla apposta li jindirizzaw l-aspettattivi tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab, u tagħmel malajr ftehimiet politiċi, u b'hekk tistabbilixxi lill-UE bħala ankra strateġika affidabbli;

15. Jisħaq fuq il-fatt li tibqa' indispensabbli sħubija trans-Atlantika soda mal-Istati Uniti u mal-Kanada fi ħdan in-NATO u li din tifforma l-fulkru tal-arkitettura ta' sigurtà Ewropea tagħna; ifakkar li, biex tkun sieħba trans-Atlantika b'saħħitha, l-UE stess jeħtiġilha ssir aktar b'saħħitha u aktar kapaċi, b'mod partikolari fir-rigward tad-difiża u tas-sigurtà tagħha stess; jirrikonoxxi li l-Istati Uniti issa qegħdin isegwu approċċ aktar tranżazzjonali fir-rigward tal-multilateraliżmu u tas-sigurtà Ewropea; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-bżonn urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimmiraw lejn l-awtonomija strateġika u jinvestu f'kapaċitajiet ta' difiża kredibbli u suffiċjenti; jilqa' l-kooperazzjoni approfondita mal-Kanada u ma' sħab oħra tal-istess fehma biex jiġu salvagwardjati l-valuri demokratiċi komuni u l-istabbiltà globali;

16. Ifaħħar is-sħubija b'saħħitha u kostruttiva mar-Renju Unit; jilqa' d-dikjarazzjoni konġunta tal-mexxejja tar-Renju Unit u tal-UE tad-19 ta' Mejju 2025 wara s-Summit bejn ir-Renju Unit u l-UE tal-2025, li spjegat djalogu strutturat dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni; jappella biex jiġi implimentat malajr;

17. Ifaħħar ir-relazzjoni stretta mal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li ma jagħmlux parti mill-UE u l-kooperazzjoni b'saħħitha tagħhom f'dik li hija azzjoni esterna tal-UE;

18. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-Balkani tal-Punent u jsostni kooperazzjoni politika u ta' sigurtà kredibbli fil-perkors meritokratiku tagħhom lejn l-integrazzjoni fl-UE; jisħaq fuq il-fatt li l-futur tal-Balkani tal-Punent, tal-Ukrajna u tal-Moldova jinsab fl-UE;

19. Jissottolinja r-rwol strateġiku tat-Turkija bħala membru tan-NATO u l-kooperazzjoni tagħha mal-UE huma fundamentali għall-istabbiltà u għas-sigurtà tal-Ewropa; jesprimi tħassib qawwi dwar ir-rigress demokratiku fit-Turkija; iħeġġeġ il-ħelsien immedjat tal-mexxej tal-oppożizzjoni Ekrem İmamoğlu;

20. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-Kawkasu tan-Nofsinhar; jikkundanna t-tendenzi awtoritarji tal-Gvern tal-Georgia; jistieden lill-Georgia terġa' taqbad it-triq lejn l-UE; isostni l-ftehim ta' paċi ta' Awwissu 2025 bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan;

21. Jisħaq fuq il-bżonn urġenti li tissaħħaħ il-preżenza politika u ekonomika tal-UE fl-Asja Ċentrali;

22. Jisħaq fuq il-bżonn li l-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-Golf tissaħħaħ u tiġi

approfondita fir-rigward tal-migrazzjoni, tat-trasformazzjoni diġitali, tas-sigurtà u tat-tranżizzjoni ekoloġika;

23. Itenni li reġjun Indo-Paċifiku li fih isaltnu l-paċi u l-istabbiltà u li jkun ibbażat fuq regoli huwa ta' interess vitali għall-Ewropa; jinkoraġġixxi li jintisġu rabtiet eqreb fl-ambitu tal-PESK mas-sħab tal-istess fehma, b'mod partikolari l-Awstralja, New Zealand, il-Korea t'Isfel u l-Ġappun;

24. Iqis li l-aċċelerazzjoni tal-militarizzazzjoni taċ-Ċina, kif ukoll is-sħubijiet militari u politiċi tagħha mar-Russja u mal-Korea ta' Fuq, jikkostitwixxu sfida ġeopolitika ewlenija tas-seklu XXI; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tadotta strateġija multidimensjonali li tgħaqqad id-diplomazija bbażata fuq il-prinċipji li timmira li tiddefendi d-dritt internazzjonali mal-impenn ekonomiku li jħares l-interessi tagħna;

25. Josserva li l-isfidi ġeopolitiċi saħħu l-interess kondiviżi tal-UE u tal-Indja; isostni s-summit bejn l-UE u l-Indja biex tiġi varata aġenda strateġika ġdida;

26. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jikkonċentraw fuq l-iżvilupp ta' sħubijiet bilaterali aktar b'saħħithom mal-pajjiżi Afrikani tal-istess fehma abbażi tal-prinċipju "aktar għal aktar", filwaqt li jiddefendu l-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija; jiddispjaċih bir-rigress demokratiku li qed isir f'għadd ta' pajjiżi Afrikani;

27. Jenfasizza l-bżonn li jissaħħaħ l-impenn tal-UE fil-konfront tal-pajjiżi tal-istess fehma fl-Amerka Latina u fil-Karibew;

28. Jissottolinja ż-żieda fir-rilevanza ġeostrateġika tal-Artitku u jtenni l-bżonn ta' politika tal-UE dwar l-Artiku li tkun koerenti u aġġornata;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jintensifikaw l-impenn strutturat mal-organizzazzjonijiet reġjonali, fosthom l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, l-Unjoni Afrikana, il-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, biex jiżviluppaw arkitetturi ta' sigurtà reġjonali inklużivi u jikkoordinaw ir-risposti politiċi multilaterali;

Nistabbilixxu pożizzjonijiet mhux negozjabbli li nqisu invjolabbli

30. Itenni li l-azzjoni esterna tal-UE hija irrevokabbilment marbuta mal-valuri u mal-prinċipji minquxa fl-Artikoli 2, 3(5) u 21 tat-TUE;

31. Ifakkar li l-kredibbiltà tal-UE tiddependi mill-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod deċiżiv meta tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u tħares l-interessi tagħha; jenfasizza li l-limitu minimu għall-azzjoni deċiżiva għandu jkun ikkomunikat b'mod konsistenti u jrid jinkludi risposti inekwivokabbli għall-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem; jappoġġja t-twessigħ tar-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE tat-tip Magnitsky fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem biex jinkludi r-repressjoni sistemika u l-korruzzjoni;

32. Jinkoraġġixxi koordinament aktar fil-fond mal-G7 u mas-sħab demokratiċi l-oħra biex jiġu allinjati r-risposti għall-ksur tan-normi globali;

33. Iħeġġeġ li tingħata aktar attenzjoni lill-persekuzzjoni tal-minoranzi reliġjużi, fosthom l-Insara; jitlob li l-protezzjoni tal-libertà reliġjuża tkun integrata fl-azzjoni esterna tal-UE;

34. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jiżviluppaw parametri ta' riferiment biex jivvalutaw l-impatt tas-sanzjonijiet tal-UE u jaġġornaw regolarment lill-Parlament Ewropew f'dan ir-rigward;

Inżidu l-impatt tal-azzjoni esterna tal-UE li nwettqu

35. Jiddispjaċih li l-viżibbiltà globali u l-influwenza politika tal-UE spiss huma iċken mill-piż finanzjarju u diplomatiku tagħha;

36. Jistieden lill-VP/RGħ tipproponi strateġija ta' komunikazzjoni strateġika koerenti li tenfasizza l-vantaġġi tal-azzjoni esterna tal-UE u tirfed l-objettivi tal-UE; jinkoraġġixxi lis-SEAE jsaħħaħ il-preżenza politika tal-UE fil-pajjiżi sħabna u jagħmel l-azzjoni esterna tagħna aktar aċċessibbli għall-pubbliku f'dawk il-pajjiżi;

37. Jitlob li jkun hemm konverġenza msaħħa bejn is-servizzi diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri bil-għan li jitjiebu s-sinerġiji bejn il-"marka nazzjonali" u l-messaġġi tal-UE, bi qbil mal-approċċ tat-"Tim Ewropa";

38. Jissottolinja li r-restrizzjonijiet baġitarji jirrappreżentaw ostaklu gravi biex jiżdiedu l-viżibbiltà u l-impatt tal-azzjoni esterna tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jagħmlu eżerċizzju reali ta' definizzjoni tal-prijoritajiet, bil-għan li jidentifikaw l-oqsma li fihom l-azzjoni esterna tal-UE tista' tipproduċi l-aqwa riżultati f'termini politiċi u strateġiċi;

39. Jenfasizza l-potenzjal strateġiku tal-inizjattiva Global Gateway biex jiżdiedu l-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE mad-dinja kollha; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tat prijorità lill-implimentazzjoni tal-proġetti tagħha;

40. Ifakkar li l-Parlament Ewropew għandu rwol ferm definit x'jiżvolġi meta jiġi biex jikkomplementa l-viżibbiltà u l-impatt tal-azzjoni esterna tal-UE, u b'hekk jikkomplementa l-isforzi tas-servizzi diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri;

41. Ifakkar li l-eżerċizzju tal-Parlament Ewropew tal-funzjoni baġitarja tiegħu huwa marbut b'mod inseparabbli mal-funzjoni tiegħu relatata mal-iskrutinju demokratiku u mal-konsultazzjoni;

42. Jemmen li hemm bżonn ta' sorveljanza parlamentari aktar b'saħħitha tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż l-aċċess regolari għall-informazzjoni kunfidenzjali u għad-djalogi strutturati;

43. Jissottolinja li kull kwistjoni li tqajmet qabel tirrikjedi risposta xierqa u bil-miktub minnaħa tal-VP/RGħ;

°

° °

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Kull sena, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jabbozza riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), bħala reazzjoni għar-rapport ippreżentat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew. Din ir-riżoluzzjoni tevalwa l-progress u l-isfidi tal-PESK u tikkostitwixxi element ċentrali tal-kontribut tal-Parlament Ewropew biex isawwar l-azzjoni esterna tal-UE. Hija ta' importanza partikolari fid-dawl tat-tisħiħ tas-setgħat ta' skrutinju mogħtija lill-Parlament Ewropew mit-Trattat ta' Liżbona.

Dan ir-rapport jelabora l-prijoritajiet strateġiċi fundamentali li jiggwidaw id-direzzjoni futura tal-PESK, u joffri gwida ċara għall-eżekuttiv tal-UE. Jenfasizza l-pożizzjoni b'viżjoni fil-bogħod permezz ta' diversi prinċipji fundamentali li l-Parlament jinsisti li għandhom jirfdu l-PESK, jiġifieri li

a. insawru l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli li niddefendu;

b. inrawmu l-kooperazzjoni bbażata fuq l-interessi li naqsmu bejnietna;

c. nistabbilixxu pożizzjonijiet mhux negozjabbli li nqisu invjolabbli;

d. inżidu l-impatt tal-azzjoni esterna tal-UE li nwettqu.

Ir-rapport jelabora fid-dettall kull waħda minn dawn il-prijoritajiet.